MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 6/2005/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Mary Grech f'isimha prorju u f'isem l-assenti Lino Zahra, Martha Debono u Anita Aquilina u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2001 gie awtorizzat li l-kawza tkompli f'isem Mary Grech proprju u f'isem l-assenti Lino Zahra**

Il-Bord;

Ra c-citazzjoni tal-Kummissarju ta' l-Artijiet li permezz taghha ipremetta:

Premess illi permezz ta' citazzjoni, fl-istess ismijiet bhac-citazzjoni odjerna, pprezentata quddiem dan il-Bord, konstestwalment ma' din ic-citazzjoni, l-esponent talab lil dan il-Bord sabiex ihassar u jirrevoka u jordna r-ritrattazzjoni tas-sentenza tieghu tat-22 ta' Novembru,

2004, fil-kawza wkoll fl-istess ismijiet bhal dik odjerna (Rikors numru 9/2001 JC)

Premess illi fl-imsemmija decizjoni tat-22 ta' Novembru, 2004, il-Bord ordna t-trasferiment tal-propjeta' mertu tal-kawza favur il-gvern, minghand il-konventa pro et noe, bil-prezz ta' Lm303,610 u hatar lin-Nutar V Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha minfloku, sabiex jippubblika l-att fl-ufficju ta' l-attur nhar l-14 ta' Frar, 2005.

Premess illi jekk tigi esegwita l-imsemmija decizjoni qabel ma tigi deciza t-talba ghar-ritrattazzjoni, l-esponenti isofri pregudizzju serju billi jkun qieghed jigi mgieghel ihallas flus lill-konvenuti indebitament.

Premess illi l-pregudizzju li jista' jsofri l-attur bl-esekuzzjoni tas-sentenza soggetta ghall-proceduri ta' ritrattazzjoni certament jeccedi l-pregudizzju li tista' ssofri l-konvenuta noe, fil-kaz illi l-esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza tigi esegwita biss, jekk ikun il-kaz, wara li jigu decizi l-imsemmija proceduri ta' ritrattazzjoni.

Premess illi skond l-Artikolu 905 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Gvern ta' Malta huwa ezenti milli jaghti kull garanzija preskrita jew mehtiega mill-ligi u li dan ghalhekk japplika wkoll ghall-garanzija mehtiega skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 823(2)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tghid ghalhekk il-konvenuta pro et noe, l-ghalhiex dan l-Onorabbli Bord, m'ghandux;

1. Jordna s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tieghu fl-ismijiet premessi tat-22 ta' Novembru, 2004 (Rikors Nru 9/01JC), fil-pendenza tad-decizjoni ghat-talba ghat-thassir, ir-revoka, u r-ritrattazzjoni ta' l-istess, u fl-istess ismijiet.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta pro et noe u ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramenta u l-lista tax-xhieda tal-attur;

Ra wkoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn jecepixxu bir-rispett:

1. Illi preliminarjament ma jirrizultax li l-attur ta' l-garanzija rikjesta skond l-Artikolu 823 tal-Kap 12. ghal finijiet ta' ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Bord fit-22 ta' Novembru, 2004. Garanzija li trid tinghata flimkien mat-talba ta' ritrattazzjoni sabiex tigi sospiza l-esekuzzjoni tas-sentenza.

2. Illi l-eccipjenti tikkontesta li hemm xi raguni ghalfejn ghandha tigi sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Bord fit-22 ta' Novembru, 2004. Il-procedura ta' ritrattazzjoni li saret mill-attur m'hi xejn ghajr tentattiv iddisprat li jappella minn sentenza, meta l-ligi ma taghti l-ebda jedd ta' appell.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija insostenibbli stante illi ghalkemm l-artikolu 823(2)(a) tal-Kap 12 jipprovdi li talba bhal din in ezami jehtieg li tkun akkumpanjata b'garanzija ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, l-artikolu 905(a) tal-Kap 12 jipprovdi illi l-Gvern ta' Malta huwa mehlus minn kull garanzija odnata jew mitluba. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun respinta;

Illi din hija kawza ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' decizjoni moghtija mill-Bord ta' L-Arbitragg Dwar l-Artijiet fit-22 ta' Novembru 2004 (Rikors numru 9/2001) u naturalment sabiex ma tkunx ezegwita dik id-decizjoni

sakemm qabel ma tkun deciza lanjanza tal-istess attur quddiem dan il-Bord ghar-ritrattazjoni tal-istess decizjoni (Citaz 5/2005)

Illi ghalhekk il-kawza odjerna mxiet flimkien mac-citazzjoni numru 5/2005 li kienet deciza minn dan il-Bord llum fejn kienet michuda t-talba tar-Direttur tal-Artijiet bhala ritrattand sabiex ikun ritrattat ir-rikors 9/2001;

Illi bis-sahha tal-fuq imsemmija decizjoni, dan il-Bord cahad it-talba ghar-ritrattazzjoni u din issa ghandha l-effett li tqieghed fis-sehh id-decizjoni tal-Bord tat-22 ta' Novembru 2004 jigifieri li s-sidien tal-art in mertu jitrasferixxu l-art esproprijata favur l-Awtorita' bil-kumpens hemm iffissat;

Illi ghalhekk ma ghad hemm l-ebda impediment ghall-esekuzzjoni ta' dik id-decizzjoni u dan il-Bord ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jilqa' t-talbiet tal-atturi;

Ghal dawn il-motivi qieghed jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------